MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 728/2013

**Mabu Limited C40679**

**vs.**

**David Grech K.I. 353080 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-7 ta’ Novembru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ seba’ mija u għoxrin Ewro (€720), liema ammont huwa dovut bħala danni rappreżentanti in-nefqa sabiex il-madum mqiegħed mill-intimat jitneħħa u jerġa’ jiġi mwaħħal, u dan billi x-xogħol magħmul mill-intimat ma kienx skond is-sengħa u l-arti u skond dak pattwit mill-partijiet;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' seba' mija u għoxrin Ewro (€720), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------